Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Numru. 1103/2011

PULIZIJA
SPETTUR GRAZIELLA MUSCAT
VS
ANDREW FORMOSA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Andrew Formosa, ta’ 27 sena, iben Joseph u Helen nee’ Zammit, imwieled Pieta’ nhar id-19 ta’Lulju 1984, residenti gewwa l-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 356484(M);

Billi hu akkuzat

1. Talli f’Awissu 2011 ppartecipa f’attivita’ sesswali ma’ persuna taht l-eta’, cioe ma’ ommisses minuri;

2. U aktar talli sar recediv b'diversi sentenzi moghtija lilhu mill-Qrati ta'Malta liema sentenzi saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u dak ta' l-imputat , sabiex il-kaz jigi ttrattat bi procedura somarja,

Semghet l-ammisjoni ta'l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-ammisjoni ta' l-imputat wara li il-Qorti akkordat zmien ragenevoli ghall-ripensament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammisjoni tieghu, il-Qorti issib l-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 204C, 49, 50, 412C tal –Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artiklu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta'Malta, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta ' *Probation* ghall-perjodu ta' tlett (3) snin, taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-*Probation Services* jew *Probation Officer* iehor minnu nominat. In oltre tqieghed lill-imputat taht *Treatment Order* ghall-perjodu ta' sentejn (2), bil-kundizzjoni illi l-imputat jibda u jikkompleta programm residenzjali ghall-rijabilitazzjoni kontra id-droga taht l-awspici tal-*Caritas.* Di piu din il-Qorti tordna il-hrug ta'Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat u favur il-minuri u l-familja taghha ghall-perjodu ta' tlett (3) snin, bil-kundizzjoni li l-imputat ma' javvicinax, ma jkellimx , u ma jimmolestax lill-minuri jew lill-familja taghha, u dan wara li l-Qorti qieset il-konsiderazzjonijiet elenkati f'Artikolu 412C (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li il-Qorti hadet inkonsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, l-eta' tieghu, il-Fedina Penali u cirkostanzi kollha tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------